2024/1364

17.5.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1364

tal-14 ta' Marzu 2024

dwar l-ewwel fażi tal-istabbiliment ta' skema komuni ta' klassifikazzjoni tal-Unjoni għaċ-ċentri tad-*data*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tindirizza l-effiċjenza enerġetika billi tistabbilixxi miri għall-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-Unjoni u tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika fl-Unjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/1791 għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-kisba ta' ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fl-Unjoni, inkluż bl-istabbiliment ta' skema komuni tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*.

(2) Is-settur tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) qed isir dejjem aktar importanti f'termini ta' konsum tal-enerġija. Id-domanda għall-elettriku taċ-ċentri tad-*data* hija mistennija li tkun ta' 3,2 % tat-total tal-UE sal-2030, żieda ta' 28 % mill-2018 ([2]). L-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni ([3]) enfasizzat il-ħtieġa għal ċentri tad-*data* effiċjenti ħafna fl-enerġija u sostenibbli, u tappella għal miżuri ta' trasparenza għall-operaturi tat-telekomunikazzjoni fejn tidħol l-impronta ambjentali tagħhom.

(3) Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-sidien u l-operaturi taċ-ċentri tad-*data* jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar iċ-ċentri tad-*data* tagħhom stabbilita fl-Anness VII ta' dik id-Direttiva.

(4) L-iskema komuni tal-Unjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-metodoloġija biex dawn jitkejlu u jenħtieġ li tistabbilixxi indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data* abbażi ta' dawn l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

(5) Il-leġiżlazzjoni, l-inizjattivi u l-istandards eżistenti fis-settur taċ-ċentri tad-*data* jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-indikaturi tas-sostenibbiltà.

(6) Dan ir-Regolament jiddefinixxi li l-operaturi taċ-ċentri tad-*data* huma l-entitajiet ta' rapportar. Operatur ta' ċentru tad-*data* jenħtieġ li jagħmel pubbliċi u jikkomunika lill-bażi tad-*data* Ewropea l-informazzjoni meħtieġa u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għal ċentru tad-*data* irrispettivament minn jekk dan iċ-ċentru tad-*data* jkunx jikkonsisti minn struttura waħda jew minn grupp ta' strutturi. Operatur ta' ċentru tad-*data* jenħtieġ li jagħmel pubbliku u jikkomunika lill-bażi tad-*data* Ewropea sett separat ta' informazzjoni u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għal kull ċentru tad-*data* li għandu post fiżiku differenti anke jekk dawn iċ-ċentri tad-*data* jkunu jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

([1]) ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj?locale=mt.

([2]) Il-Komunikazzjoni tad-9 ta' Marzu 2021 intitolata "2030 Digital Compass: the European way for the Digital Decade" (COM(2021) 118 final).

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2022/2481/oj?locale=mt).

(7) Park jew kampus taċ-ċentru tad-*data* huwa mifhum bħala faċilità li jkollha aktar minn ċentru tad-*data* wieħed. F'dan il-każ, l-operatur ta' kull ċentru tad-*data* jenħtieġ li jagħmel pubbliku u jikkomunika lill-bażi tad-*data* Ewropea sett separat ta' informazzjoni u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għal kull ċentru tad-*data* fil-faċilità.

(8) Sabiex tiġi stabbilita l-iskema tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*, huwa meħtieġ li tinġabar *data* dwar is-sostenibbiltà tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rapportar għaċ-ċentri tad-*data* li jispeċifika liema informazzjoni u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati kif ukoll il-metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-kejl ta' dik l-informazzjoni u dawk l-indikaturi.

(9) Skont l-Anness VII, il-punt (c) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandhom ikejlu l-konsum tal-enerġija, l-użu tal-enerġija, il-punti stabbiliti tat-temperatura, l-użu tas-sħana mormija, l-użu tal-ilma u l-użu tal-enerġija rinnovabbli taċ-ċentri tad-*data*.

(10) Sabiex jiġi żgurat rapportar uniformi, u d-disponibbiltà tad-*data* rrapportata lill-pubbliku f'forma aggregata, u biex tiġi influwenzata kif xieraq l-analiżi sussegwenti tad-*data*, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Sabiex iċ-ċentri tad-*data* jikkomunikaw l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni lill-bażi tad-*data* Ewropea, din tal-aħħar jenħtieġ li tipprevedi interfaċċa komuni għall-utenti kif ukoll interfaċċa komuni għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet.

(11) Iċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-annessi ta' dan ir-regolament delegat jiddaħħlu fil-bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data*. L-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jenħtieġ li jintużaw biex jipprovdu bażi għal ippjanar u teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti u bbażati fuq l-evidenza mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u biex jiġu vvalutati ċerti elementi ewlenin ta' ċentru tad-*data* sostenibbli, inkluż kemm juża l-enerġija b'mod effiċjenti, kemm minn dik l-enerġija tiġi minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe sħana mormija li jipproduċi, l-effettività tat-tkessiħ u l-użu tal-ilma. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit l-ewwel sett ta' indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*, abbażi tal-informazzjoni rrapportata u tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

(12) Skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-informazzjoni taċ-ċentri tad-*data* soġġetta għad-dritt tal-Unjoni u għal-liġi nazzjonali li jipproteġu s-sigrieti kummerċjali u tan-negozju u l-kunfidenzjalità ma tridx issir disponibbli għall-pubbliku. L-Artikolu 12(3) jirrikjedi wkoll li l-bażi tad-*data* Ewropea tkun disponibbli għall-pubbliku fuq livell aggregat. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u informazzjoni oħra rrapportati lill-bażi tad-*data* Ewropea jinżammu kunfidenzjali.

(13) Il-Kummissjoni wettqet studju, b'mod partikolari dwar il-ħtieġa ta' skema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u s-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*, sabiex tistabbilixxi s-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tal-Unjoni, li identifika l-elementi ewlenin li jenħtieġ li jiddefinixxu l-ambitu tar-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u s-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*.

(14) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ġabret evidenza, rimarki u prattiki tajbin dwar l-ambitu, l-elementi, l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jenħtieġ li jiġu inklużi fl-iskema komuni ta' klassifikazzjoni tal-Unjoni.

(15) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 34 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, u ġabret osservazzjonijiet dwar l-ambitu, l-elementi, l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jenħtieġ li jiġu inklużi fl-iskema komuni ta' klassifikazzjoni tal-Unjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea mill-operaturi taċ-ċentri tad-*data* b'domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata ta' mill-anqas 500 kW u li huma meħtieġa għall-istabbiliment ta' skema komuni tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data* fl-Unjoni, kif ukoll metodoloġija komuni ta' kejl u kalkolu. Dan jiddefinixxi wkoll l-ewwel indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data* li se jiġu kkalkolati abbażi tal-informazzjoni u tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data*.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċentru tad-*data* tal-intrapriżi" tfisser ċentru tad-*data* li jitħaddem minn intrapriża, u li l-uniku għan tiegħu huwa li jipprovdi u jimmaniġġa l-ħtiġijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-intrapriża;

(2) "ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni" tfisser ċentru tad-*data* li fih klijent wieħed jew aktar jinstallaw u jimmaniġġaw in-network jew in-networks, is-servers u t-tagħmir u s-servizzi tal-ħżin tagħhom stess;

(3) "ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt" tfisser ċentru tad-*data* li fih klijent wieħed jew aktar jiġu pprovduti b'aċċess għan-network jew għan-networks, għas-servers u għat-tagħmir ta' ħżin li fuqhom iħaddmu s-servizzi u l-applikazzjonijiet tagħhom stess u fejn kemm it-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni kif ukoll l-infrastruttura ta' appoġġ tal-bini jiġu pprovduti bħala servizz mill-operatur taċ-ċentru tad-*data*;

(4) "operatur ta' ċentru tad-*data* tal-intrapriżi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li timmaniġġa ċ-ċentru tad-*data* tal-intrapriżi kollu, inklużi l-bini u l-użu tas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni mogħtija;

(5) "operatur taċ-ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li timmaniġġa u tbigħ l-ispazju, is-sigurtà, l-aċċess għan-network, l-enerġija u l-kapaċità tat-tkessiħ fiċ-ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni kollu lil klijent wieħed jew aktar li jinstallaw u jimmaniġġaw in-network jew in-networks, is-servers u t-tagħmir u s-servizzi tal-ħżin tagħhom stess;

(6) "operatur taċ-ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li timmaniġġa l-ispazju, is-sigurtà, l-aċċess għan-network, l-enerġija, it-tkessiħ, in-network jew networks, is-servers u t-tagħmir tal-ħżin taċ-ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt, u parti mis-software meħtieġ biex jiġu pprovduti servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni lil klijent wieħed jew aktar, inkluża l-esternalizzazzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni;

(7) "operatur taċ-ċentru tad-*data*" tfisser operatur taċ-ċentru tad-*data* tal-intrapriżi, operatur taċ-ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni jew operatur taċ-ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt;

(8) "klijent tal-kollokazzjoni" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li għandha u timmaniġġa network, server u tagħmir tal-ħżin wieħed jew aktar li jinsabu f'ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni li fih jixtru spazju, enerġija u kapaċità ta' tkessiħ ġestiti;

(9) "klijent tal-hosting konġunt" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tikseb aċċess għal network jew networks, servers u tagħmir tal-ħżin f'ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt li fuqu joperaw is-servizzi u l-applikazzjonijiet tagħhom stess;

(10) "esternalizzazzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni" hija l-użu ta' fornituri tas-servizzi esterni biex jipprovdu proċessi tan-negozju ffaċilitati mit-teknoloġija tal-informazzjoni, servizzi ta' applikazzjoni u soluzzjonijiet infrastrutturali għar-riżultati tan-negozju;

(11) “erja totali tal-art taċ-ċentru tad-*data*” tfisser l-erja totali tal-art tas-sulari kollha tal-istruttura jew tal-grupp ta’ strutturi li jikkostitwixxu ċ-ċentru tad-*data*;

(12) “erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters fiċ-ċentru tad-*data*” tfisser l-erja totali tal-art fiċ-ċentru tad-*data* li takkomoda t-tagħmir tal-ipproċessar tad-*data*, tal-ħżin tad-*data* u tat-telekomunikazzjoni li jipprovdu s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni taċ-ċentru tad-*data*;

(13) “ridondanza taċ-ċentru tad-*data*” tfisser id-duplikazzjoni ta’ ċerti settijiet ta’ komponenti jew funzjonijiet ta’ ċentru tad-*data* b’mod li jekk sett wieħed ikollu l-ħsara jew ikun jeħtieġ li ssirlu manutenzjoni, is-sett jew is-settijiet l-oħrajn jistgħu jintużaw minfloku;

(14) “domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata” tfisser it-total tad-domanda għall-enerġija nominali, f’kW, tan-network jew tan-networks, tas-servers u tat-tagħmir tal-ħżin installati fl-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*;

(15) “tagħbija tat-teknoloġija tal-informazzjoni kklassifikata” tfisser it-tagħbija massima tan-network jew tan-networks, tas-servers u tat-tagħmir tal-ħżin, installati fl-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, li l-infrastruttura taċ-ċentru tad-*data* għad-distribuzzjoni tal-enerġija u għall-kontroll ambjentali hija kapaċi timmaniġġa filwaqt li tipprovdi d-disponibbiltà tas-servizz meħtieġa.

Artikolu 3

Mekkaniżmu ta’ rapportar għas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*

1. Sal-15 ta’ Settembru 2024, imbagħad sal-15 ta’ Mejju 2025, u kull sena wara dan, l-operaturi taċ-ċentri tad-*data* ta’ rapportar għandhom jikkomunikaw lill-bażi tad-*data* Ewropea l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II dwar iċ-ċentru tad-*data* li jħaddmu. Il-komunikazzjoni lill-bażi tad-*data* Ewropea ta’ din l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandha ssir permezz ta’ skema nazzjonali ta’ rapportar jekk l-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru tad-*data* ta’ rapportar ikun stabbilixxa skema bħal din. Inkella, l-operaturi taċ-ċentri tad-*data* għandhom jikkomunikaw din l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni direttament lill-bażi tad-*data* Ewropea.

L-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandhom ikopru s-sena kalendarja immedjatament qabel is-sena ta’ rapportar. Meta ċentru tad-*data* ta’ rapportar ikun ilu jitħaddem għal anqas minn sena, l-operatur taċ-ċentru tad-*data* għandu jirrapporta biss għall-perjodu li fih ikun tħaddem iċ-ċentru tad-*data*, filwaqt li jindika wkoll dak il-perjodu.

2. Għall-ewwel perjodu ta’ rapportar, jekk operatur ta’ ċentru tad-data ma jkunx jista’ jimmonitorja u jiġbor wieħed jew aktar mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness II, il-punti 1(d), 1(e), 1(h)-(l), u 1(o)-(r), għal raġunijiet tekniċi, l-operatur taċ-ċentru tad-*data* jista’ jħalli barra din l-informazzjoni u jispjega r-raġunijiet għal din l-ommissjoni.

3. Għall-ewwel żewġ perjodi ta’ rapportar, jekk operatur ta’ ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni ma jkunx jista’ jimmonitorja u jiġbor id-*data* meħtieġa biex jikkalkula b’mod suffiċjenti l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni msemmija fil-punti 2(a) u 2(b) tal-Anness II, dan għandu jagħmel stima u jindika l-perċentwal tal-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* li tkopri l-informazzjoni kkomunikata lill-bażi tad-*data* Ewropea.

L-operaturi taċ-ċentri tad-*data* tal-kollokazzjoni jistgħu jiġbru l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness II, mill-klijenti tal-kollokazzjoni tagħhom, jekk ikun meħtieġ, billi jistabbilixxu mekkaniżmu ta’ rapportar intern anonimu.

4. Jekk ċentru tad-*data* ta’ rapportar jinkludi kemm klijenti ta’ hosting konġunt kif ukoll dawk ta’ kollokazzjoni, japplikaw il-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu kif xieraq.

Artikolu 4

Indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data*

L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentru tad-*data* u l-metodoloġija biex dawn jiġu kkalkolati huma stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 5

Bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data*

1. Il-bażi tad-*data* Ewropea għandha tapplika interfaċċa komuni għall-utent kif ukoll interfaċċa komuni għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet li tiżgura li ċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha jkunu jistgħu jikkomunikaw, bl-istess mod, l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni msemmija fl-Annessi I u II.

2. L-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, ikkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea, u l-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentru tad-*data*, f'konformità mal-Anness III, għandhom isiru pubbliċi b'mod aggregat, fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, f'konformità mal-Anness IV.

3. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kollha kkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea miċ-ċentri tad-*data* fit-territorju tagħhom skont l-Artikolu 3.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni u għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kollha kkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea skont l-Artikolu 3.

5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom iżommu kunfidenzjali l-informazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kollha għaċ-ċentri tad-*data* individwali li jiġu kkomunikati lill-bażi tad-*data* skont l-Artikolu 3. Din l-informazzjoni għandha titqies bħala informazzjoni kunfidenzjali li taffettwa l-interessi kummerċjali tal-operaturi u tas-sidien taċ-ċentri tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u l-Artikolu 4(2)(d) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali.

6. Id-*data* aggregata miġbura skont dan ir-Regolament tista' terġa' tintuża għall-istatistika Ewropea f'konformità mal-prinċipji ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

([5]) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/4/oj).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj).

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI KKOMUNIKATA LILL-BAŻI TAD-*DATA* EWROPEA DWAR IĊ-ĊENTRI TAD-*DATA*

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi kkomunikata lill-bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data*:

1. **Informazzjoni dwar iċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar**

(a) *L-isem taċ-ċentru tad-data* huwa l-isem użat biex jiġi identifikat u deskritt iċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar.

(b) *Is-sid u l-operatur taċ-ċentru tad-data* inkluży l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tas-sid u tal-operatur taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar.

(c) *Il-post taċ-ċentru tad-data* huwa l-Kodiċi tal-Unità Amministrattiva Lokali (il-kodiċi LAU) tal-post taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar (il-bini jew is-sit) espress f'konformità mal-aktar tabelli reċenti tal-LAU ppubblikati mill-Eurostat.

(d) *It-tip ta' ċentru tad-data* huwa t-tip ta' ċentru tad-*data* ta' rapportar li jaqbel mal-operat ewlieni taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar, f'konformità mad-definizzjoni ta' ċentru tad-*data* u mad-definizzjonijiet ta' kull tip ta' ċentru tad-*data* stabbiliti minn dan ir-Regolament.

It-tip ta' ċentru tad-*data* ta' rapportar jista' jieħu wieħed mill-valuri "ċentru tad-*data* tal-intrapriżi", "ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni" jew "ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt", flimkien ma' wieħed mill-valuri "struttura" jew "grupp ta' strutturi".

Jekk ċentru tad-*data* tal-kollokazzjoni joffri wkoll servizzi ta' hosting konġunt jew jekk ċentru tad-*data* tal-hosting konġunt joffri wkoll servizzi ta' kollokazzjoni, dan għandu jiġi indikat.

(e) *Is-sena u x-xahar tad-dħul fis-seħħ* huma s-sena u x-xahar kalendarji li matulhom iċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar beda jipprovdi servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

2. **Informazzjoni dwar l-operat taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar**

L-operatur taċ-ċentru tad-*data* ta' kull ċentru tad-*data* ta' rapportar għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-livell ta' ridondanza tal-infrastruttura elettrika f'livell ta' vultaġġ għoli/f'livell ta' vultaġġ baxx (line-up)/f'livell ta' rack;

(b) il-livell ta' ridondanza fl-infrastruttura tat-tkessiħ fil-livell ta' kamra/f'livell ta' rack.

Għal-livelli ta' ridondanza, jekk "N" tirrappreżenta l-għadd tal-linja bażi ta' komponenti jew funzjonijiet biex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet normali, ir-ridondanza għandha tiġi espressa meta mqabbla ma' dik il-linja bażi "N", pereżempju bħala "N+1," "N+2," "2N", eċċ. Ir-ridondanza ta' faċilità tista' tapplika għal sit (sit backup), sistemi jew komponenti. Ir-ridondanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni tista' tapplika għall-hardware u għas-software.

ANNESS II

INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI EWLENIN LI GĦANDHOM JIĠU MMONITORJATI, MIĠBURA U KKOMUNIKATI LILL-BAŻI TAD-*DATA* EWROPEA DWAR IĊ-ĊENTRI TAD-*DATA* U L-METODOLOĠIJI TAL-KEJL

Għall-monitoraġġ kollu, l-operaturi taċ-ċentri tad-*data* għandhom iżommu rekord tal-punti tal-kejl u tal-apparati tal-kejl użati, għal perjodu ta' mill-anqas 10 snin.

L-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin li ġejjin għandhom jiġu mmonitorjati, miġbura u kkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data*:

1. **indikaturi tal-enerġija u tas-sostenibbiltà**

(a) *Id-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata* ("PD_{IT}", f'kW), kif definita fl-Artikolu 2. Meta d-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata tkun inbidlet matul il-perjodu ta' rapportar, għandha tintuża medja ponderata.

Meta d-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata ma tkunx tista' tiġi ddeterminata, tista' tintuża d-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni kklassifikata taċ-ċentru tad-*data* (f'kW), kif definita fl-Artikolu 2. Meta d-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni kklassifikata taċ-ċentru tad-*data* tkun inbidlet matul il-perjodu ta' rapportar, għandha tintuża medja ponderata.

Iċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar għandu jindika liema metrika juża għar-rapportar tiegħu;

(b) *Erja totali tal-art taċ-ċentru tad-data* ("S_{DC}", f'metri kwadri).

Jekk l-istruttura li jkollha fiha ċ-ċentru tad-*data* jkollha funzjoni primarja differenti (pereżempju, binja ta' uffiċċji), il-valur ta' S_{DC} irid ikun limitat għat-total tal-erja tal-art okkupata mill-kamra jew mill-kmamar tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* u mill-erja tal-art okkupata mit-tagħmir meħtieġ għat-tħaddim xieraq taċ-ċentru tad-*data*.

Jekk dan it-tagħmir iservi wkoll il-funzjonijiet l-oħrajn tal-istruttura (pereżempju, sistema komuni ta' tkessiħ għall-istruttura kollha), għandu jintuża perċentwal tal-erja tal-art okkupata minn dan it-tagħmir li jirrifletti d-domanda għall-enerġija kklassifikata tal-kamra jew tal-kmamar tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* għall-kalkolu tas-subparagrafu preċedenti.

Jekk iċ-ċentru tad-*data* jokkupa struttura waħda, il-valur ta' S_{DC} għandu jkun l-erja tal-art ta' din l-istruttura.

Jekk iċ-ċentru tad-*data* jokkupa grupp ta' strutturi, il-valur ta' S_{DC} għandu jkun it-total tal-erja tal-art tal-istrutturi kollha;

(c) *Erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-data* ("S_{CR}", f'metri kwadri).

Jekk iċ-ċentru tad-*data* jokkupa grupp ta' strutturi, il-valur ta' S_{CR} għandu jkun it-total tal-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters tal-istrutturi kollha;

(d) *Il-konsum totali tal-enerġija* ("E_{DC}", f'kWh) taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar għandu jitkejjel kif definit mill-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-2 jew ekwivalenti, u bl-użu tal-metodoloġija li hemm fih.

Il-konsum totali tal-enerġija jinkludi l-użu tal-elettriku, tal-fjuwils u ta' sorsi oħrajn tal-enerġija użati għat-tkessiħ.

L-ammont ta' E_{DC} li ġej minn ġeneraturi ta' riżerva (E_{DC-BG}, f'kWh) għandu jitkejjel separatament.


Il-konsum totali tal-enerġija għandu jitkejjel bl-input tas-sistema taċ-ċentru tad-*data* qabel il-kommutatur tat-trasferiment tal-provvista. Il-punti tal-kejl għandhom jiġu stabbiliti fil-provvista primarja u sekondarja tal-enerġija u f'kull provvista addizzjonali, pereżempju, fil-ġenerazzjoni ta' riżerva.

Fil-każ ta' koġenerazzjoni jew ta' chiller tal-assorbiment, jekk ikun intern għas-sistema, il-punt tal-kejl għandu jkun fl-input tal-koġenerazzjoni jew taċ-chiller tal-assorbiment, bil-kejl tal-fjuwil ikkonsmat. Jekk ikun estern, fil-każ ta' koġenerazzjoni, il-punti tal-kejl għandhom ikunu fl-outputs tal-elettriku u tas-sħana, u fil-każ taċ-chiller tal-assorbiment, il-punt tal-kejl għandu jkun fl-output tat-tkessiħ;

(e) *Il-konsum totali tal-enerġija tat-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni* ("E_{IT}", f'kWh) għandu jitkejjel f'konformità mal-metodoloġija tal-kategorija 1 għall-kalkolu tal-PUE stabbilita fl-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-2 jew ekwivalenti. Iċ-ċentri tad-*data* għandhom ikejlu l-konsum tal-enerġija annwali kkombinat f'kull sistema tal-elettriku mingħajr interruzzjoni (UPS) konnessa ma' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni taċ-ċentru tad-*data*.

Għaċ-ċentri tad-*data* li ma għandhomx UPS, pereżempju, iċ-ċentri tad-*data* tal-kurrent dirett, l-E_{IT} tista' titkejjel fl-unità tad-distribuzzjoni tal-elettriku (PDU) konnessa ma' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni taċ-ċentru tad-*data*, jew f'konformità mal-metodoloġija tal-kategorija 2 għall-kalkolu tal-PUE stabbilita fl-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-2, jew f'punt ta' kejl li ċ-ċentri tad-*data* se jispeċifikaw.

L-Illustrazzjoni 1 turi skema ġenerali ta' punti ta' monitoraġġ u kejl f'ċentru tad-*data*, fejn jiġu indikati l-postijiet tal-kejl għall-konsum totali tal-enerġija u għall-konsum totali tat-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni;



Illustrazzjoni 1

Il-kejl tal-konsum tal-enerġija


(f) *Il-funzjonijiet tal-grilja elettrika* huma l-informazzjoni dwar jekk kwalunkwe funzjoni li tappoġġa l-istabbiltà, l-affidabbiltà u r-reżiljenza tal-grilja elettrika hijiex ipprovduta miċ-ċentru tad-*data*, bħall-ispostament tad-domanda massima jew ir-rispons tal-frekwenza kostanti (FFR);

(g) *Il-kapaċità medja tal-batterija* ("C_{BtG}", f'kW) hija l-kapaċità medja tal-batteriji taċ-ċentru tad-*data* li ġew offruti lill-grilja permezz ta' suq jew kuntratti rilevanti għall-funzjonijiet tal-grilja elettrika;

(h) *L-input totali tal-ilma* ("W_{IN}", f'metri kubiċi) għandu jitkejjel kif definit minn, u bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fil-Kategorija 2 tad-WUE tal-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-9, jew jekk mhux possibbli, il-metodoloġija stabbilita fil-Kategorija 1, jew standard ekwivalenti. Iċ-ċentri tad-*data* għandhom ikejlu l-volumi kollha tal-ilma li jidħlu fil-konfini taċ-ċentru tad-*data* u li jintużaw fir-rigward tal-funzjonijiet taċ-ċentru tad-*data* inklużi t-teknoloġija ambjentali, tal-enerġija, tas-sigurtà u tal-informazzjoni.

Iċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar għandu jindika liema Kategorija tad-WUE juża għar-rapportar tiegħu.

L-Illustrazzjoni 2 turi skema ġenerali ta' punti ta' monitoraġġ u ta' kejl f'ċentru tad-*data*, inklużi postijiet ta' kejl għall-E_{RES-OS}, W_{IN}, u E_{REUSE};



Illustrazzjoni 2

Il-kejl tal-input tal-ilma u tas-sħana mormija użata mill-ġdid

(i) *L-input totali tal-ilma tajjeb għax-xorb* ("W_{IN-POT}", f'metri kubiċi) għandu jitkejjel kif definit mill-Kategorija 1 tad-WUE tal-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-9 jew ekwivalenti, u bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fiha. Iċ-ċentri tad-*data* għandhom ikejlu s-sorsi kollha tal-ilma tajjeb għax-xorb li jidħlu fil-konfini taċ-ċentru tad-*data* u li jintużaw għall-funzjonijiet taċ-ċentru tad-*data* inklużi t-teknoloġija ambjentali, tal-enerġija, tas-sigurtà u tal-informazzjoni;

Jekk l-istruttura li jkollha fiha ċ-ċentru tad-*data* jkollha funzjoni primarja differenti, il-valuri ta' W_{IN} u W_{IN-POT} iridu jkunu limitati għall-ilma użat (jew stmati kif użat) mit-tagħmir fil-kamra jew fil-kmamar tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* u t-tagħmir meħtieġ għat-tħaddim taċ-ċentru tad-*data*.

(j) *Is-sħana mormija użata mill-ġdid* ("E_{REUSE}", f'kWh) għandha titkejjel kif definit mill-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-6 jew ekwivalenti, u billi tintuża l-metodoloġija stabbilita fih. Iċ-ċentri tad-*data* għandhom ikejlu s-sħana li tintuża jew li terġa' tintuża barra mill-konfini taċ-ċentru tad-*data*, u li tissostitwixxi l-enerġija parzjalment jew totalment meħtieġa barra mill-konfini taċ-ċentru tad-*data*.


Id-definizzjoni tal-konfini taċ-ċentru tad-*data* hija aspett ewlieni biex jitkejjel b'suċċess dan l-indikatur, peress li tingħadd biss l-enerġija li qed tintuża mill-ġdid barra l-konfini taċ-ċentru tad-*data*. L-Illustrazzjoni 2 tipprovdi skema biex jiġu stabbiliti l-konfini taċ-ċentru tad-*data*, li huma deskritti mill-perimetru, mill-ispazji u mit-tagħmir li jinsab fihom.

L-enerġija użata mill-ġdid għandha titkejjel fil-konfini taċ-ċentru tad-*data* fil-punt fejn l-enerġija pprovduta tingħadda għall-użu mill-parti l-oħra.

Jekk parti mis-sħana mormija tintuża mill-ġdid għat-tkessiħ taċ-ċentru tad-*data*, dik il-parti trid titnaqqas mis-sħana mormija użata mill-ġdid, jiġifieri, jitnaqqas is-sehem tar-rata tal-fluss tal-fluwidu tat-tkessiħ użat fiċ-ċentru tad-*data*;

(k) *It-temperatura medja tas-sħana mormija* ("T_{WH}", fi gradi Celsius) għandha titkejjel bħala t-temperatura tal-fluwidu użat biex jitkessaħ it-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, b'medja ta' fuq sena, u f'kull punt ta' kejl.

It-temperatura tas-sħana mormija titkejjel fil-punt fejn il-fluwidu msaħħan jidħol fl-iskambjatur(i) tas-sħana fil-konfini tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* (Illustrazzjoni 3). Għaċ-ċentri tad-*data* bl-irkupru tas-sħana, jiġifieri fl-iskambjatur għall-irkupru tas-sħana. Jekk ma jkun hemm l-ebda rkupru tas-sħana, il-kejl jittieħed f'kull skambjatur tas-sħana fil-konfini tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* li ġġorr is-sħana mit-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni;



Illustrazzjoni 3

Il-kejl tat-temperatura tas-sħana mormija

(l) *Il-valur progammat medju tat-temperatura tal-arja li tidħol tat-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni* ("T_{IN}", fi gradi Celsius) għandha titkejjel bħala l-valur programmat medju tat-temperatur fil-kmamar tal-kompjuters kollha taċ-ċentru tad-*data*, stabbilita bħala valur programmat ta' kmand għas-sistema ta' tkessiħ użata għat-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-kmamar tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* fuq medja ta' sena.

(m) *Tipi ta' refriġeranti* użati fit-tagħmir tat-tkessiħ u tal-arja kundizzjonata tal-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, fejn kull tip ta' refriġerant huwa l-isem komuni jew id-dežinjazzjoni industrijali tar-refriġerant f'konformità mal-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(n) *Il-jiem ta' gradi ta' tkessiħ* ("CDD", f'jiem ta' gradi) għandhom jiġu ddeterminati bħala l-għadd ta' jiem ta' gradi ta' tkessiħ għall-post taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar matul l-aħħar sena kalendarja, billi tintuża l-metodoloġija użata mill-Eurostat u miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ([2]) jew ekwivalenti ([3]), u b'temperatura bażi ta' 21 grad Celsius. Għandhom jintużaw sorsi ta' aċċess miftuħ biex jiġu ddeterminati l-jiem ta' gradi ta' tkessiħ;

(o) *Il-konsum totali tal-enerġija rinnovabbli* ("$E_{RES\text{-}TOT}$", f'kWh) għandu jiġi ddeterminat kif definit mill-istandard CEN/CENELEC EN 50600-4-3 jew ekwivalenti, u bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fih. $E_{RES\text{-}TOT}$ hija t-total ta' $E_{RES\text{-}GOO}$, $E_{RES\text{-}PPA}$ u $E_{RES\text{-}OS}$, kif definit hawn taħt;

(p) *Il-konsum totali tal-enerġija rinnovabbli minn Garanziji tal-Oriġini* ("$E_{RES\text{-}GOO}$", f'kWh) għandu jiġi ddeterminat bħala t-total tal-Garanziji tal-Oriġini mixtrija u rtirati miċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar. Iċ-ċentru tad-*data* għandu jkejjel l-$E_{RES\text{-}PPA}$ li jidħol fil-konfini taċ-ċentru tad-*data*, u li ma jistax jingħadd għal aktar minn ċentru tad-*data* wieħed jew jinħoloq minn ftehimiet ta' xiri tal-enerġija jew minn sorsi rinnovabbli fuq il-post;

(q) *Il-konsum totali tal-enerġija rinnovabbli minn Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija* ("$E_{RES\text{-}PPA}$", f'kWh) għandu jiġi ddeterminat bħala l-ammont ta' enerġija minn Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija magħmula miċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar. Iċ-ċentru tad-*data* għandu jkejjel l-$E_{RES\text{-}PPA}$ li jidħol fil-konfini taċ-ċentru tad-*data*, u li ma jistax jingħadd għal aktar minn ċentru tad-*data* wieħed.

Kwalunkwe Garanzija tal-Oriġini maħluqa bħala riżultat ta' dawn il-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija trid tkun proprjetà taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar u rtirata minnu sabiex tkun inkluża fl-$E_{RES\text{-}PPA}$. Inkella, l-ammont ta' enerġija kkonċernat għandu jitnaqqas mill-$E_{RES\text{-}PPA}$ mkejjel;

(r) *Il-konsum totali tal-enerġija rinnovabbli minn sorsi rinnovabbli fuq il-post* ("$E_{RES\text{-}OS}$", f'kWh) għandu jitkejjel bħala l-enerġija ġġenerata minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post fil-konfini taċ-ċentru tad-*data*. Ara l-Illustrazzjoni 2.

Kwalunkwe Garanzija tal-Oriġini maħluqa b'riżultat ta' dawn is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post trid tkun proprjetà taċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar u rtirata minnu b'mod li tkun inkluża fl-$E_{RES\text{-}OS}$. Inkella, l-ammont ta' enerġija inkwistjoni għandu jitnaqqas mill-$E_{RES\text{-}OS}$ imkejjel.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/517/oj)

([2]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Heating_and_cooling_degree_days_-_statistics.

([3]) Pereżempju, il-Maħżen tad-*Data* dwar il-Klima ta' Copernicus: https://cds.climate.copernicus.eu/cdsapp#!/software/app-heating-cooling-degree-days?tab=app.

2. **Indikaturi tal-kapaċità tal-ICT**

Il-kapaċità tal-ICT titkejjel għas-servers u għall-prodotti għall-ħażna tad-*data* peress li s-servers u l-prodotti għall-ħażna tad-*data* huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/424 ([4]). L-indikaturi tal-kapaċità tal-ICT għandhom jiġu rrapportati għat-tagħmir rispettiv fis-seħħ mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' rapportar.

(a) *Il-kapaċità tal-ICT għas-servers* ("C_{SERV}") għandha tkun it-total tal-prestazzjoni attiva tal-istat ta' SERT jew ekwivalenti għas-servers kollha. Il-kapaċità tal-ICT tas-server hija l-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-istat attiv kif iddikjarata fl-informazzjoni tal-manifattur f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/424. Il-valur tal-prestazzjoni tal-istat attiv għas-server ikkonfigurat jew għall-grupp ta' servers f'kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* għandu jew jiġi interpolat mill-valur tal-prestazzjoni tal-istat attiv iddikjarat għal konfigurazzjoni ddikjarata skont ir-Regolament (UE) 2019/424, jew jiġi pprovdut minn manifattur tas-server, jew jiġi pprovdut minn tabella ta' valuri għan-numri tal-partijiet tas-CPU maħluqa minn sett ta' *data* kbir tal-SERT, jew jiġi stmat minn sett ta' *data* kbir ta' valuri mkejla fejn jeżisti metodu ta' kalkolu rikonoxxut.. Fejn ma jkun hemm l-ebda metodoloġija ta' kalkolu rikonoxxuta, għandha tintuża l-prestazzjoni tal-konfigurazzjoni ddikjarata li taqbel l-aktar mas-server ikkonfigurat. Meta server jiġi aġġornat, il-kapaċità l-ġdida tiegħu għandha tiġi kkalkolata mill-ġdid jekk teżisti metodoloġija rikonoxxuta għall-istima tal-prestazzjoni attiva tal-istat tal-SERT.

Il-kapaċità tal-ICT għas-servers għandha tiġi rrapportata, bħala minimu, għas-servers il-ġodda kollha installati fiċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament Delegat. L-operaturi taċ-ċentru tad-*data* għandhom jistmaw u jindikaw il-perċentwal tal-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* li jkopri l-indikatur irrapportat.

L-operaturi taċ-ċentri tad-*data* tal-kollokazzjoni jistgħu jikkalkolaw is-C_{SERV} billi jestrapolaw il-valur li jikkorrispondi għal mill-anqas 90 % tad-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata tas-servers il-ġodda kollha installati fiċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar, kif imsemmi fis-subparagrafu preċedenti.

(b) *Il-kapaċità tal-ICT għat-tagħmir ta' ħżin* ("C_{STOR}", f'petabytes) għandha tkun il-*kapaċità ta' ħżin*, jiġifieri t-total tal-kapaċità mhux ipproċessata (indirizzabbli) tal-apparati kollha ta' ħżin SSD u HDD installati fit-tagħmir kollu ta' ħżin kif iddikjarat mill-manifattur tal-apparat ta' ħżin.

Il-kapaċità tal-ICT għat-tagħmir ta' ħżin għandha tiġi rrapportata, bħala minimu, għall-apparati l-ġodda kollha installati fiċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament Delegat. L-operaturi taċ-ċentru tad-*data* għandhom jistmaw u jindikaw il-perċentwal tal-erja tal-art tal-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data* li jkopri l-indikatur irrapportat.

L-operaturi taċ-ċentri tad-*data* tal-kollokazzjoni jistgħu jikkalkolaw is-C_{STOR} billi jestrapolaw il-valur li jikkorrispondi għal mill-anqas 90 % tad-domanda għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata tat-tagħmir ta' ħżin ġdid kollu installat fiċ-ċentru tad-*data* ta' rapportar, kif imsemmi fis-subparagrafu preċedenti.

3. **Indikaturi tat-traffiku tad-data**

L-operaturi taċ-ċentri tad-*data* jistgħu jibbażaw il-monitoraġġ u l-kejl ta' dawn l-indikaturi fuq kwalunkwe sors affidabbli b'mod adegwat jew kombinazzjoni ta' sorsi ta' *data* disponibbli, inkluża *data* mkejla direttament mill-operatur, *data* rrapportata minn klijenti taċ-ċentri tad-*data* jew *data* pprovduta mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni u mill-fornituri tas-servizzi.

(a) *Il-wisa' tal-banda tat-traffiku dieħel* ("B_{IN}", f'gigabytes kull sekonda) għandha titkejjel bħala l-wisa' tal-banda provvista totali għat-traffiku dieħel fil-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, aggregata għall-kapaċità kollha ta' konnettività, u fuq medja tas-sena;

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/424 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal servers u prodotti għall-ħażna tad-data skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 (ĠU L 74, 18.3.2019, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/424/oj).

(b) *Il-wisa' tal-banda tat-traffiku ħiereġ* ("B_{OUT}", f'gigabytes kull sekonda) għandha titkejjel bħala l-wisa' tal-banda provvista totali għat-traffiku ħiereġ mill-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, aggregata għall-kapaċità kollha ta' konnettività, u fuq medja tas-sena;

(c) *It-traffiku tad-data dieħla* ("T_{IN}", f'exabytes) għandu jitkejjel bħala d-*data* totali li tidħol fil-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, aggregata matul is-sena ta' rapportar, irrispettivament mill-għadd ta' konnessjonijiet taċ-ċentru tad-*data*;

(d) *It-traffiku tad-data ħierġa* ("T_{OUT}", f'exabytes) għandu jitkejjel bħala d-*data* totali li toħroġ mill-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-*data*, aggregata matul is-sena ta' rapportar, irrispettivament mill-għadd tal-konnessjonijiet taċ-ċentru tad-*data*.

ANNESS III

INDIKATURI TAS-SOSTENIBBILTÀ U METODOLOĠIJI TA' KALKOLU TAĊ-ĊENTRI TAD-*DATA*

L-indikaturi tas-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-*data* li ġejjin għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-informazzjoni u tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kkomunikati lill-bażi tad-*data* Ewropea dwar iċ-ċentri tad-*data* f'konformità mal-Annessi I u II:

(a) L-Effettività tal-Użu tal-Enerġija (PUE)

E_{DC} u E_{IT}, kif definiti t-tnejn fl-Anness II, għandhom jintużaw biex jiġi kkalkolat il-PUE ta' ċentru tad-*data*:

$PUE = E_{DC}/E_{IT}$;

(b) L-Effettività tal-Użu tal-Ilma (WUE)

W_{IN}, kif definita fl-Anness III u E_{IT}, kif definita fl-Anness II iżda espressa f'MWh, għandha tintuża biex jiġi kkalkolat id-WUE ta' ċentru tad-*data*:

$WUE = W_{IN}/E_{IT}$;

(c) Il-Fattur ta' Użu mill-Ġdid tal-Enerġija (ERF)

E_{REUSE} u E_{DC}, kif definiti t-tnejn fl-Anness II, għandhom jintużaw biex jiġi kkalkolat l-ERF ta' ċentru tad-*data*:

$ERF = E_{REUSE}/E_{DC}$;

(d) Il-Fattur tal-Enerġija Rinnovabbli (REF)

$E_{RES\text{-}TOT}$ u E_{DC}, kif definiti t-tnejn fl-Anness II, għandhom jintużaw biex tiġi kkalkolata l-REF ta' ċentru tad-*data*:

$REF = E_{RES\text{-}TOT}/E_{DC}$.

ANNESS IV

INFORMAZZJONI DISPONIBBLI GĦALL-PUBBLIKU FIL-BAŻI TAD-*DATA* EWROPEA DWAR IĊ-ĊENTRI TAD-*DATA*

Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, il-bażi tad-*data* Ewropea għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq livell aggregat.

Id-*data* għandha tkun disponibbli f'żewġ livelli ta' aggregazzjoni, jiġifieri, fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni.

Il-kategoriji tad-daqs taċ-ċentri tad-*data* għandhom ikunu bbażati fuq l-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata taċ-ċentru tad-*data* kif ġej:

(a) ċentru tad-*data* żgħir ħafna: 100 – 500 kW;

(b) ċentru tad-*data* żgħir: 500 – 1 000 kW;

(c) ċentru tad-*data* ta' daqs medju: 1 – 2 MW;

(d) ċentru tad-*data* kbir: 2 – 10 MW;

(e) ċentru tad-*data* kbir ħafna: > 10 MW.

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun disponibbli għall-pubbliku:

(a) fil-livell tal-Istati Membri

(i) l-għadd ta' ċentri tad-*data* ta' rapportar;

(ii) id-distribuzzjoni taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar skont il-kategoriji tad-daqs;

(iii) id-domanda totali għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata (PD_{IT}) taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha;

(iv) il-konsum totali tal-enerġija (E_{DC}) taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha;

(v) il-konsum totali tal-ilma (W_{IN}) taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha;

(vi) il-PUE medja għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Istati Membri, il-PUE medja għal kull tip ta' ċentru tad-*data* u l-PUE medja għal kull kategorija tad-daqs;

(vii) id-WUE medja għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Istati Membri, id-WUE medja għal kull tip ta' ċentru tad-*data* u d-WUE medja għal kull kategorija tad-daqs;

(viii) l-ERF medju għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Istati Membri, l-ERF medju għal kull tip ta' ċentru tad-*data* u l-ERF medju għal kull kategorija tad-daqs;

(ix) l-REF medju għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Istati Membri, l-REF medju għal kull tip ta' ċentru tad-*data* u l-REF medju għal kull kategorija tad-daqs.

Għall-punti (vi)–(ix), l-aggregazzjoni tal-indikaturi tas-sostenibbiltà għandha ssir b'aggregazzjoni metrika ponderata, bl-użu tal-konsum totali tal-enerġija bħala l-fattur ta' ponderazzjoni.

Għall-punti (vi)–(ix), il-preżentazzjoni tad-*data* aggregata għal kull tip ta' ċentru tad-*data* u għal kull kategorija tad-daqs tkun possibbli biss jekk il-kategorija rispettiva jkun fiha *data* minn tal-anqas tliet ċentri tad-*data*:

(b) fil-livell tal-Unjoni

(i) l-għadd ta' ċentri tad-*data* ta' rapportar;

(ii) id-distribuzzjoni taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar skont il-kategoriji tad-daqs;

(iii) id-domanda totali għall-enerġija tat-teknoloġija tal-informazzjoni installata (PD_{IT}) taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha;

(iv) il-konsum totali tal-enerġija (E_{DC}) taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha;

(v) il-konsum totali tal-ilma (W_{IN}) taċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha;

(vi) il-PUE medja għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Unjoni, il-PUE medja għal kull tip ta' ċentru tad-*data*, il-PUE medja għal kull kategorija ta' daqs;

(vii) id-WUE medja għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Unjoni, id-WUE medja għal kull tip ta' ċentru tad-*data*, id-WUE medja għal kull kategorija ta' daqs;

(viii) l-ERF medju għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Unjoni, l-ERF medju għal kull tip ta' ċentru tad-*data*, l-ERF medju għal kull kategorija ta' daqs;

(ix) l-REF medju għaċ-ċentri tad-*data* ta' rapportar kollha fit-territorju tal-Unjoni, l-REF medju għal kull tip ta' ċentru tad-*data*, l-REF medju għal kull kategorija ta' daqs.

Għall-punti (vi)–(ix), l-aggregazzjoni tal-indikaturi tas-sostenibbiltà għandha ssir b'aggregazzjoni metrika ponderata, bl-użu tal-konsum totali tal-enerġija bħala l-fattur ta' ponderazzjoni.